

BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-23 ta' Novembru 2007

dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2008

(BĊE/2007/16)

(2007/790/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106(2),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/503/KE ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Ċipru tal-munita waħda fl-1 ta' Jannar 2008 ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/504/KE ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Malta tal-munita waħda fl-1 ta' Jannar 2008 ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklużiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġa mill-Istati Membri li adottaw l-ewro (minn issa 'l quddiem "l-Istati Membri parteċipanti").
- (2) Id-deroga favur Ċipru u Malta msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.
- (3) It-13-il Stat Membru parteċipanti ta' bħalissa, Ċipru u Malta ppreżentaw għall-approvazzjoni tal-BĊE l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti ewro biex jinħarġu fl-2008, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija ta' tbassir,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti ewro biex jinħarġu fl-2008

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti ewro biex jinħarġu mill-Istati Membri parteċipanti fl-2008 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

	(miljuni fEUR)
	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2008
Il-Belġju	130,0
Il-Ġermanja	655,0
L-Irlanda	114,0

⁽¹⁾ ĠU L 186, 18.7.2007, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 186, 18.7.2007, p. 32.

(miljuni fEUR)

	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2008
Il-Greċja	97,3
Spanja	550,0
Franza	500,0
L-Italja	375,2
Ċipru	147,4
Il-Lussemburgu	49,0
Malta	56,7
Ir-Renju ta' l-Olanda	57,5
L-Awstrija	185,0
Il-Portugall	50,0
Is-Slovenja	39,0
Il-Finlandja	60,0

*Artikolu 2***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 23 ta' Novembru 2007.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET